MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 5/2006

**Media and Graphic Services Ltd.**

**vs**

**Sovereign Hotels Ltd**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf tlett mija u tnax il-lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1312.26) dovuta bhala prezz ta' servizzi ta' reklamar mghotija mis-socjeta attrici lil dik konvenuta, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inluz dawk tal-mandat ta'qbid.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici waqt l-udjenza mizmuma fis-6 ta' Frar 2006 li permezz taghha irriduciet it-

talba taghha ghall-ammont ta’ elf mitejn u tnax il-lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1212.26)

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikat b’l-avviz fis-7 ta’ Jannar 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta’ elf mitejn u tnax il-lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1212.26) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------